MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 423/2001/1

**Rikors numru 423/01DM**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Ltd**

**Vs**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' seba' mija u tnejn u sittin lira u ghoxrin centezmu (Lm762.20) rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata f'diversi okkasjonijiet, mis-socjeta attrici, fuq ordni tieghu, skond Statement li gie annessa bhala dokument 'A'.

Bl-imghax mill-1 ta' Settembru 2000 u bl-ispejjes kontra il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' seba mija tnejn u sittin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm762.20) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mil-1 ta' Settembru 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.